MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 582/2002/1

**MSV International Limited**

**vs**

**Kevin Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm125.50), rapprezentanti servizz fornut lill-konvenut mis-socjeta` attrici u dan fuq "servicing" ta' "air conditioner" skond l-anness document immarkat Dok.A;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 t'Ottubru, 2001.**
**Ra li l-konvenut debitament ingunt baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Claire Stafrace Zammit li ddikjarat li l-ammont mitlub huwa dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm125.50), bl-imghax legali mit-3 t’Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 t’Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**